MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 1138/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**
**Vs**
**Ahmad Alaa Eldeen**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra Ahmed Alaa Eldeen, 42 sena, nazzjonalità Sirjana, imwieled f'Tartous, is-Sirja fl-14 ta' Lulju 1971, iben Khaled u Samiera, Numru mogħti mill-Pulizija 13V-128, fejn gie akkuzat :

talli fiz-17 ta' Novembru 2013 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f' Permess għar-Residenza jew uża jew kellhu fil-pussess tiegħu Permess għar-Residenza li hu kien jaf li ġiw iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih f'isem Bogdan Serkov bin-numru 643171188 (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu mid-dokument fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni, fid-dokument fuq imsemmi (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputat qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Qieset l-element ta` dwejjaq u frustrazzjoni li persuni bhall-imputat ikunu ghaddejjin minnhom fic-cirkostanzi partikolari tal-hajja taghhom. Qieset li l-imputat kien wiehed minn numru ta` nies li rnexxielhom jigu salvati, f'dawn l-ahhar gimghat, waqt tragedja li fiha mietu n-nies fuq il-bahar. Qieset li sfortunatament, mart l-imputat li kienet tqila, tilfet hajjitha f'din it-tragedja.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 32(1d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-

Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli 189, 17 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoniet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sena (1) millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjoniet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------